MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 16/2004/1

**Mary Green mart Ajad Farhat u l-istess Ajad Farhat.**

**vs**

**Avukat Generali u b'digriet tat-8 ta' Lulju 2004 gie kjamat in kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Mary Green u Ajad Farhat datat l-1 ta' Gunju 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi huma zzewgu fil-Libja fis-7 ta' Awissu 1980 u dan skond il-ligijiet vigenti ta' dak il-pajjiz u damu jghixu gewwa l-Libja ghal ghoxrin sena.

Illi Mary Green kienet precedentament marbuta bi zwieg iehor.

Illi d-domicilju taz-zwieg kien dak tal-Libja kif ukoll jirrizulta l-fatt illi wara z-zwieg damu ghoxrin sena mizzewgin.

Illi madwar erba' snin ilu, Mary Green riedet terga' tirritorna Malta u zewgha beda jinghata permess temporanju biss sabiex jirrisjedi maghha.

Illi minkejja kull tentattiv sabiex jigi rikonoxxut iz-zwieg taghha skond il-principji tal-*lex loci contractus*, l-Awtoritajiet Maltin baqghu jippersistu illi dan ma jirrikonoxxuhx b'konsegwenza illi hija qed tigi mcahhda mid-dritt fundamentali taghha illi jkollha l-familja taghha.

Illi persistentament l-esponenti Ajad Farhat qed ikollu jmur fl-Ufficcju ta' l-Emigrazzjoni biex b'koncessjoni igeddulu l-permess biex joqghod Malta.

Illi Mary Green hija cittadina Maltija u zammet ic-cittadinanza taghha.

Illi skond il-principju internazzjonalment rikonoxxuti fid-dritt internazzjonali privat dwar il-validita` ta' zwieg kontratt, tipprevali l-Ligi tal-post fejn ikun celebrat. Illi c-cahda ta' l-Awtoritajiet Maltin illi jirrikonoxxu tali zwieg huwa ksur ta' l-**Artikolu 8 ta' l-iskeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-esponenti ikkontrattaw zwieg b'rit religjuz ta' religjon universalment rikonoxxuta.

It-trattament illi qed tinghata fil-ligi taz-zwieg lir-religjon ta' l-esponenti komparat ma' religjonijiet ohra huwa manifestament diskriminatorju u dan bi ksur ta' l-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea Kap 319** (l-Ewwel Skeda).

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikajra illi in esekuzzjoni ta' l-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,** l-esponenti ghandhom dritt illi jkunu meqjusa bhala mizzewgin ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ta'

Malta u dan wara, illi jekk hemm bzonn jigi dikjarat illi l-Att dwar iz-Zwieg johloq diskriminazzjoni mhux gustifikata u dan bi ksur ta' l-**artikolu 14** ta' l-istess Konvinzjoni Ewropea u konsegwentament taghti rimedju illi z-zwieg ta' l-esponenti jigi regolarment irregistrat f'Malta.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-18 ta' Gunju 2004.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali datata 8 ta' Gunju 2004 a fol. 8 tal-process fejn espona:-

1. Illi l-Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talba *stante* illi din tittratta dwar funzjoni illi tappartjeni lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u mhux lilu.

2. Illi in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti qieghda ssir sabiex tenforza pretensjonijiet illi r-rikorrenti ghandhom biex jirregistraw l-att taz-zwieg ta' bejniethom f'Malta ghax jippretendu li huma ghandhom dritt illi jaghmlu hekk skond l-Att dwar iz-Zwieg, huwa opportun illi din l-Qorti tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha skond il-**Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Art 4 (2))** *stante* illi ma giex ezawrit il-mezz ordinarju ta' rimedju illi permezz tieghu persuna tenforza d-drittijiet taghha b'kawza ordinarja li ssir b'citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili.

3. Illi in kwantu huwa allegat illi r-rikorrenti huma vittmi ta' xi diskriminazzjoni bejn ir-Religjonijiet, illi huma jallegaw illi hemm fil-Ligi Maltija dwar iz-Zwieg bi ksur ta' l-**artikolu 14** tal-Konvenzjoni Ewropea, huwa sinifikanti illi r-rikorrenti ma gabu ebda spjegazzjoni biex juru kif suppost hemm din l-allegata diskriminazzjoni Religjuza u din it-talba hija manifestament infondata u frivola.

4. Illi l-fatti ta' dan il-kaz ma jqajmu ebda kwistjoni dwar id-dritt ghall-hajja familjari peress illi dan id-dritt mhux bilfors irid jigi ezercitat f'Malta u r-rikorrenti huma liberi illi bhal ma, skond huma, ghamlu f'dawn l-ahhar ghoxrin sena, jezercitaw id-dritt ghall-hajja familjari f'pajjiz iehor.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u biex jispjega s-sitwazzjoni l-esponent jirrileva wkoll is-segwenti.

Illi l-fatti li huma a konoxxenza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku huma s-segwenti:

Illi r-rikorrenti Mary Green hija cittadina Maltija u fid-19 ta' Gunju 1978 izzewget lil Anthony Bonnici f'Malta fil-Knisja Parrokkjali tal-Gzira (Certifikat taz-zwieg numru 1169/1978).

Fid-19 ta' Mejju 1994 ir-rikorrenti rregistrat il-fatt illi hija trid tirriverti ghall-uzu tal-kunjom taghha ta' xebba u *cioe`* il-kunjom Green skond id-dritt moghti mill-**artikolu 89 (3) ta' l-Att XXI tal-1993** li emenda l-**Kodici Civili**.

Illi f'Novembru 2000 ir-rikorrenti ghamlet talba fir-Registru Pubbliku biex tirregistra f'Malta zwieg iehor illi hija qalet li kienet ikkontrattat ma' Ajad Farhat fis-7 ta' Awissu 1980 fil-Minicipalita ta' Aboud Alim fil-Libya.

Illi sussegwentament ir-rikorrenti baghtu kopja ta' certifikat tradott bl-Ingliz mill-*'International Office for Legal Translation and Authentication'* ta' Jamil Hamed Taher skond liema certifikat, allegatament mahrug mill-*"Court of First Instance of South Tripoli'* u ffirmat mill-President ta' dik il-Qorti fit-30 ta' Jannar 2001 (u *cioe`* kwazi ghoxrin sena wara li r-rikorrenti zzewgu fil-Libya) iz-zwieg tar-rikorrenti celebrat f'Malta ma' ragel Nisrani kien gie annullat <u>bhala konsegwenza tal-fatt</u> illi hija kienet ikkonvertiet ghar-Religjoni Islamika u zzewget ragel Musulman u *cioe`* r-rikorrent l-iehor Ayad Farhat.

Illi r-ragunijiet ghar-rifjut tar-registrazzjoni huma s-segwenti:

- Illi d-Direttur tar-Registru irrifjuta illi jirregistra f'Malta z-zwieg celebrat fil-Libya fis-7 ta' Awissu 1980 *stante* illi r-rikorrenti skond il-ligi Maltija kienet ghadha marbuta biz-zwieg taghha precedenti u *stante* illi huwa ma kienx gie fornut b'kopja tad-decizjoni tal-Qorti kompetenti rigward l-

allegat annullament ta’ l-ewwel zwieg u lanqas ma kien gie fornut bi provi tad-domicilju tar-rikorrenti fil-Libya.

- Illi *stante* illi skond il-ligi Maltija persuna li tkun diga` marbuta bi zwieg ma tistax tikkontratta zwieg iehor, huwa car illi r-rikorrenta biex tirregistra t-tieni zwieg taghha f’Malta kellha turi illi qabel ma kkontrattat dak it-tieni zwieg hija kienet inhallet validament (u *cioe*` skond l-**artikolu 33** ta’ l-Att dwar iz-Zwieg) miz-zwieg precedenti taghha u kellha turi wkoll li t-tieni zwieg taghha ma kienx wiehed poligamu li jmur kontra l-*‘public policy’* Maltija.

- Illi r-rikorrenta baqghet tinsisti illi l-fatt illi hija kienet izzewget fil-Libja jfisser illi hija kienet domiciljata hemmhekk izda dan il-fatt wahdu m’huwiex konkluziv tad-domicilju *stante* illi r-rikorrenta dejjem baqghet cittadina Maltija u fil-fatt irritornat biex tghix f’Malta fejn issa qed taghmel din il-kawza biex tirregistra wkoll it-tieni zwieg taghha.

- Illi huwa car illi ladarba l-ligi Maltija ma tirrikonoxxix l-annullament awtomatiku minn zwieg fil-kaz ta’ bdil ta’ Religjon, it-talba biex tali annullament awtomatiku jigi registrat f’Malta imur kontra l-*‘public policy’* Maltija u tali registrazzjoni ma tistax issir.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku datata l-4 ta’ Ottubru 2004 a fol.16 tal-process fejn espona:-

(1) Illi preliminarjament ir-rikorrenti ma ezawrixxewx il-mezzi ordinarji ta’ rimedju qabel ma pprezentaw ir-rikors kostituzzjonali odjern u ghaldaqstant huwa opportun illi din l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha *ai termini* tal-**Kap 319** tal-Ligijiet ta’ Malta.

(2) Illi subordinarjament in kwantu ghall-allegazzjoni tar-rikorrenti illi huma vittmi ta’ diskriminazzjoni religjuza illi allegatament hemm fil-**Kap 255** tal-Ligijiet ta’ Malta bi ksur ta’ l-**artikolu 14** tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent

jirrileva illi r-rikorrenti ma pprezentaw l-ebda prova ta’ dan it-tip, apparti l-fatt illi din l-allegazzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u vessatorja.

(3) Illi ma hemm l-ebda kwistjoni dwar id-dritt ghall-hajja familjari f’dan il-kaz *stante* illi r-rikorrenti huma liberi li jezercitaw id-dritt ghall-hajja familjari f’pajjiz iehor, kif allegatament ghamlu ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena.

(4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-fatti li huma a konoxxenza ta’ l-esponent huma s-segwenti:

Illi r-rikorrenti Mary Green hija cittadina Maltija.

Illi skond l-Att taz-Zwieg li jgib in-numru progressiv 1196/1978 irregistrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta, ir-rikorrenti Mary Green izzewget lil Anthony Bonnici fid-19 ta’ Gunju 1978 fil-Knisja Parrokkjali tal-Gzira.

Illi fid-19 ta’ Mejju 1994, ir-rikorrenti avzat lill-ufficjali tar-Registru Pubbliku u irregistrat il-fatt illi hija riedet tirriverti ghall-uzu tal-kunjom xbubitha u *cioe*` “Green” kif kienet intitolata li taghmel *ai termini* ta’ l-emendi li gew introdotti bl-**Att XXI ta’ l-1993 fil-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi f’Novembru 2000 ir-rikorrenta talbet lill-ufficjali tar-Registru Pubbliku (Malta) biex tirregistra zwieg iehor illi hija stqarret illi ccelebrat ma’ Ajad Farhat fil-Municipalita ta’ Aboud Alim fil-Libya fis-7 ta’ Awissu 1980.

Illi sussegwentament ir-rikorrenti baghtu kopja ta’ certifikat tradott bl-Ingliz mill-*“International Office for Legal Translation and Authentication”* skond liema certifikat, li kien allegatament, mahrug mill-*“Court of First Instance of South Tripoli”* datat 30 ta’ Jannar 2001 u ffirmat mill-President ta’ dik il-Qorti, li kien jaqra illi z-zwieg tar-rikorrenta ma’ Anthony Bonnici li huwa ragel Nisrani kien gie annullat bhala konsegwenza tal-fatt illi hija kienet ikkonvertiet ghar-Religjon Islamika u zzewget ragel Musulman u *cioe*` r-rikorrent Ayad Farhat. L-esponent jirrileva illi dan id-dokument inhareg kwazi ghoxrin sena wara li r-rikorrenti zzewgu fil-Libya!

Illi d-Direttur irrifjuta illi jirregistra it-tieni zwieg ta' Mary Green li stqarret illi gie ccelebrat fil-Libya fis-7 ta' Awissu 1980 ghar-ragunijiet segwenti:

Illi r-rikorrenti Mary Green kienet ghadha marbuta bl-ewwel zwieg taghha ma' Anthony Bonnici *ai termini* tal-**Kap 255** tal-Ligijiet ta' Malta peress illi ma giex irregistrat fir-Registru Pubbliku (Malta) l-ebda decizjoni ta' Qorti kompetenti rigward l-allegat annullament ta' l-ewwel zwieg u lanqas ma giet ipprezentata fir-Registru Pubbliku, l-prova tad-domicilju tar-rikorrenta fil-Libya kif hemm stipulat fl-**artikolu 33 tal-Kap 255** tal-Ligjijet ta' Malta.

Illi huwa fatt biex ir-rikorrenta setghet tirregistra skond il-ligi l-allegat tieni zwieg taghha riedet tipprova illi qabel ma dahlet f'dak it-tieni zwieg hija kienet inhallet validament skond il-ligi Maltija u *cioe`* kienet libera u kapaci li terga' tizzewweg skond il-ligi Maltija minghajr ma t-tieni zwieg ikun poligamu u b'hekk imur kontra l-*'public policy'* ta' Malta.

Illi r-rikorrenta ma gabet l-ebda prova tad-domicilju taghha fil-Libya u ghal dan il-fini l-esponent jirrileva illi r-rikorrenta zammet ic-cittadinanza Maltija u l-fatti juru illi hija giet lura biex tghix hawn Malta fejn qed tipprezenta dan ir-rikors.

Illi huwa car illi l-ligi Maltija ma ttirrikonoxxix annullament awtomatiku minn zwieg ghar-raguni illi jkun hemm bdil ta' xi Religjon, u ghalhekk it-talba intavolata fir-rikors odjern biex tali annullament awtomatiku jigi registrat fir-Registru Pubbliku (Malta) hija manifestament kontra l-*'public policy'* ta' Malta u ghaldaqstant tali registrazzjoni ma tistax issir u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mit-18 ta' Gunju 2004 sas-6 ta' Dicembru 2005.

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 5 ta' Novembru 2004 (fol.24) li permezz taghha pprezentat zewg affidavits,

wiehed ta’ Mary Green u l-iehor ta’ Ajad Farhat b’xi dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok ‘MG1’ sa Dok ‘MG8’.

Rat ix-xhieda kollha ta’ Dr.Joseph Brincat (fol.21), tar-rikorrenti Mary Green fejn xehdet darbtejn (fol.69 u fol.63), tad-Direttur Registru Pubbliku Carmel Mifsud (fol.70) u ta’ Anthony Bonnici (fol. 81).

Rat il-verbali mizmuma quddiem il-Qorti kif illum presjeduta tas-seduti tat-12 ta’ Jannar 2006 u tal-4 ta’ Mejju 2006 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ostakolo ghad-29 ta’ Novembru 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) MERTU TAR-RIKORS.

Illi r-rikorrenti Mary Green hija cittadina Maltija li kienet izzewget f’Malta fid-19 ta’ Gunju 1978. Hija mbaghad telqet minn Malta u fis-7 ta’ Awissu 1980 izzewget lil Ajad Farhat, r-rikorrenti l-iehor, il-Libya, allegatament skond il-ligijiet ta’ dak il-pajjiz, u damu jghixu gewwa l-Libya ghal ghoxrin sena. Qabel ma zzewget hija kienet qalbet ir-religjon taghha u saret Musulmana u b’hekk allegatament skond il-ligi tal-Libja hija setghet tiehu dak li hija qed issejjah bhala l-annullament taz-zwieg taghha li kien sar f’Malta. Infatti hija tghid li hadet l-annullament taghha jew divorzju permezz tal-Qorti ta’ Tripli (Dok. “MG 1” a fol. 28 *et sequitur*) biex b’hekk setghet tghaddi ghaz-zwieg (Dok. “MG 2” a fol.31).

Illi meta Mary Green, cittadina Maltija li zammet ic-cittadinanza taghha, rritornat Malta zewgha beda jinghata permess sabiex jirrisjedi maghha. Minkejja kull tentattiv sabiex jigi rikonoxxut iz-zwieg taghha skond il-principji tal-*lex loci conractus*, l-Awtoritajiet Maltin baqghu jippersistu li

ma jirrikonoxxuhx, allegatament bi ksur ghad-dritt fundamentali taghha li jkollha l-familja taghha. Zewgha ghalhekk imur fl-ufficcju tal-emigrazzjoni biex b'koncessjoni jgeddulu l-permess biex joqghod Malta. Illi dan it-trattament li qed tinghata fil-ligi taz-zwieg lir-religjon tar-rikorrenti komparat ma' religjonijiet ohra huwa allegatament diskriminatorju bi ksur ta' l-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Illi fir-risposta tieghu l-Avukat Generali eccepixxa li mhux il-legittimu kontradittur *stante* li t-talba titratta dwar funzjoni li tappartjeni lid-Direttur tar-Registru Pubbliku. Eccepixxa wkoll li din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha skond l-**artikolu 4 (2) tal-Kap 319** minhabba li m'ezawrewx il-mezz ordinarju ta' rimedju, *cioe'* b'kawza ordinarja li ssir b'citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Illi eccepixxa li ghalkemm ir-rikorrenti allegaw li huma vittmi ta' xi diskriminazzjoni abbazi ta' religjon, huma ma gabu ebda spjegazzjoni. Il-fatti tal-kaz odjern ma jqajjmu ebda kwistjoni dwar id-dritt ghall-hajja familjari peress li dan id-dritt mhux bilfors irid jigi ezercitat f'Malta u r-rikorrenti huma liberi li jezercitaw id-dritt ghall-hajja familjari f'pajjiz iehor. Imbaghad ghadda biex spjega l-fatti li huma a konoxxenza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u taha wkoll ir-ragunijiet ghar-rifjut tar-registrazzjoni.

Illi fir-risposta tieghu d-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa dak kollu li eccepixxa l-Avukat Generali.

**(B) <u>PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi Dr Joseph Brincat xehed li l-ufficcju tieghu ghamel diversi tentattivi mar-Registru Pubbliku biex jigi registrat iz-zwieg ta' Mary Green ma' barrani. Meta r-rikorrenti marret biex tirregistra z-zwieg u pprezentat ic-certifikat, huma qalulha li riedu jaraw jekk izzewgitx tajjeb jew le u kellhom jidhlu fl-Att taz-Zwieg. Dan *nonostante* li Dr. Brincat infurmahom li huwa kien qed jagixxi skond il-procedura tal-Kodici Civili li min jizzewweg barra jkollu dritt jirregistra z-zwieg tieghu. Inoltre' xehed li skond il-ligi

tal-Libya z-zwieg huwa wiehed validu u damu jghixu hemmhekk bhala mizzewgin ghal zmien twil.

Illi fl-affidavit taghha Mary Green xehdet li hija kienet mizzewga hawn Malta u fl-1980 telqet minn Malta u marret tghix il-Libya. Hija qalbet ir-religjon u saret Musulmana u skond il-ligi tal-pajjiz hija setghet tiehu l-annullament taz-zwieg taghha. Iz-zwieg infatti gie mhassar u b'hekk setghet tghaddi ghat-tieni zwieg. Infatti hija zzewget lil Farhat Ayad u baqghet tghix mieghu l-Libya bhala martu sa ftit zmien ilu meta rritornat Malta. Marret biex tirregistra z-zwieg taghha u r-Registru Pubbliku qalulha li ma setghetx. Dan kollu gie kkorroborat minn Ajad Farhat fl-affidavit tieghu.

Illi in kontro-ezami Mary Green xehdet li hija ma gabet l-ebda dokument dwar l-istat taghha lir-Registru Pubbliku ta' Malta qabel ma zzewget fil-Libya. Ikkonfermat li fl-1994 marret ir-Registru Pubbliku u avzathom li kienet se tirriverti ghall-kunjom xbubitha *cioe'* Green. Mistoqsija jekk qatx ipprezentat citazzjoni fil-Qorti Civili biex titlob li l-Qorti tordna li d-Direttur jirregistra t-tieni zwieg taghha, hija rrispondiet fin-negattiv.

Illi fis-seduta tal-20 ta' April 2005 xehdet li meta skadielha l-ewwel passaport inhargilha passaport iehor li kien Malti. Hija bdiet tigi Malta wara hames snin li marret il-Libya. Hija zzewget il-Libya xi tlett xhur wara li kienet waslet hemmhekk. L-ewwel ragel qatt ma kien parti f'xi procedura ta' l-annullament li gabet. Huwa ma kien jaf b'xejn. Hija qatt ma talbet ic-certifikat ta' *free status*. Meta kienet giet Malta biex ma tibqax fuq kunjom Bonnici hija ma qaltilhomx li z-zwieg taghha mieghu kien gie annullat.

Illi Carmel Mifsud, agent direttur tar-Registru Pubbliku u direttur tal-Passaporti u tar-Registrazzjoni Civili spjega l-fatti kif graw. Ufficcjal fir-Registru taz-Zwigijiet, Peter Borg, infurmah li fl-14 ta' Novembru 2000 Maria Green marret fir-Registru taz-Zwigijiet u talbitu biex jirregistra zwieg li sar fil-Libya ma' certu Ajad Farhat fis-7 ta' Awissu 1980.

Illi mill-verifiki li ghamlu fir-*records* tar-Registru Pubbliku irrizultalhom li Maria Green hija cittadina Maltija, u li hija zzewget lil Anthony Bonnici fid-19 ta' Gunju 1978. Inoltre' fid-19 ta' Mejju 1994 Maria Green avzat lill-ufficcjali tar-Registru Pubbliku u rregistrat il-fatt li hi riedet tirreverti ghal kunjom xbubitha cioe' Green. Huwa spjega li m'hemm l-ebda tip ta' annotazzjoni fuq l-Att taz-Zwieg (li sar bejnha u bejn Bonnici) li tispecifika li z-zwieg gie xolt jew intemm permezz ta' annullament jew divorzju minn Qorti kompetenti *ai termini* ta' l-Artikolu 33 tal-Kap.255.

Illi sussegwentement fl-20 ta' Novembru 2000 infurmaw lil Maria Green li t-tieni zwieg taghha ma setghax jigi registrat peress li kienet ghadha marbuta bl-ewwel zwieg taghha ma' Anthony Bonnici, peress li ma gietx registrata fir-Registru Pubbliku l-ebda decizjoni ta' Qorti kompetenti rigward l-allegat annullament ta' l-ewwel zwieg u lanqas ma giet ipprezentata fir-Registru Pubbliku l-prova tad-domicilju tar-rikorrenti fil-Libya kif hemm stipulat fl-artikolu 33 tal-Kap 255. B'hekk infurmawha li qabel ma titlob li tirregistra l-allegat tieni zwieg taghha hija riedet tipprova illi qabel ma dahlet f'dak it-tieni zwieg hija kienet inhallet validament skond il-ligi Maltija. Dan anki abbazi ta' l-artikolu 18(b) tal-Kap.255 li jispecifika li l-persuna jrid ikollha l-kapacita' biex tizzewweg skond il-ligi tad-domicilju taghha. Huwa spjega li meta xi hadd Malti jkun irid jizzewweg barra minn Malta huwa jrid jitlob certifikat ta' *free status* mir-Registru Pubbliku ta' Malta qabel ma jghaddi ghal dak iz-zwieg.

Illi rrizultalhom li ntbaghtet ittra datata 23 ta' Marzu 2001 minn fejn jirrizulta li l-applikazzjoni saret minn certu Aied Mohamed Mansur.

Illi x-xhud baqa' jsostni li Maria Green ghadha ma gabet l-ebda prova tad-domicilju taghha fil-Libya. Ukoll hija lanqas ipprezentat xi citazzjoni kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex titlob lill-Qorti biex tordnalu jirregistra dan l-allegat tieni zwieg.

Illi huwa rrefera wkoll ghall-korrispondenza tat-23 ta' April 2002 li l-avukat difensur ta' Maria Green baghat ittra lir-

Registratur taz-Zwigijiet flimkien ma' traduzzjoni ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-*Primary Court of Tripoli*. Dan id-dokument ma jissodisfax ir-rekwiziti ta' l-artikolu 33 tal-Kap 255 *stante* li jirrizulta li r-rikjesta saret minn certu Ayyad Mohammed Farhat u mhux mill-partijiet koncernati u cioe' minn Maria Green u Anthony Bonnici, apparti l-fatt li dan id-dokument jaghmel biss referenza ghat-tieni zwieg ta' Maria Green, oltre' l-fatt li m'hemmx il-prova ta' domicilju ta' Maria Green fil-Libya f'Awissu tas-sena 1980.

Illi fis-7 ta' Ottubru 2002 l-attrici pprezentat fir-Registru t-traduzzjoni ta' dokument li jghid li huwa *certificate* mahrug mis-*South Tripoli Instance Court* datat 22 ta' Settembru 2002 u li jghid li kien hemm applikazzjoni li saret minn Mary Green biss, jirreferi li hemm certifikat mahrug mill-*International Asociation of Islamic Call* dwar il-proklama Islamika li hija ghamlet fl-1 ta' Gunju 1980. Skond huwa dan id-dokument ma jissodisfax ir-rekwiziti ta' l-artikolu 33 (Dok. "G" u "G 1"). Inoltre' b'referenza ghal Dok. "G 2" mahrug mill-Ambaxxata ta' Malta f'Tripoli fit-22 ta' Settembru 2002 jinghad li Maria Green kienet residenti fil-Libya u mhux li kienet domiciljata hemmhekk.

Illi fil-25 ta' Ottubru 2002 intbaghtet ittra mill-ufficcju ta' l-Avukat Generali lill-avukat difensur ta' l-attrici fejn infurmawha li hija kellha ggib decizjoni ta' Qorti Maltija li tordna, jekk ikun il-kaz skond il-ligi Maltija, l-'*exequatur'* tal-Qorti tal-Prim'Istanza tan-Nofsinhar ta' Tripoli (Dok. "H").

Illi in kontro-ezami spjega li bi *free status* huma jaraw ir-registru taz-zwigijiet u jaraw li l-individwu mhux elenkat fih. Dan japplika ghal kull cittadin Malti li mizzewweg barra mill-pajjiz. Huwa kkonferma li l-uniku ftehim li sar fl-att taz-zwieg ma' religjon kien il-konkordat tal-1995. Huwa xehed li jigu registrati biss zwigijiet li jsiru bejn cittadini Maltin u bejn cittadin Malti u barrani. Ghalhekk ir-registrazzjoni tiddependi fuq in-nazzjonalita'. Mistoqsi jekk dan ir-rifjut hux kondiviz mill-Qorti tar-Revizjoni huwa qal li ma saritx talba min-naha tieghu. It-talba min-naha tar-rikorrenti kienet sabiex jigi registrat iz-zwieg li kien sar fil-Libya. Qatt ma kien hemm talba sabiex iz-zwieg li sar fl-1978 bejn

Maria Green u Anthony Bonnici sabiex jigi registrat xi divorzju jew xi annullament. Meta jmur xi hadd biex jirregistra att taz-zwieg li kien sar barra id-dipartiment tieghu jimxi fuq il-**Kap.255**.

Illi Peter Borg, *Principal* fir-Registru taz-Zwigijiet, ikkorrobora max-xhieda li taha Carmel Mifsud.

Illi l-intimat tella' bhala xhud tieghu lil Anthony Bonnici. Huwa xehed li huwa mizzewweg lil Mary Green li telqitu tmintax-il sena ilu. Huwa qatt ma beda xi proceduri fil-Qorti biex jannulla z-zwieg u lanqas qatt gie mharrek f'xi proceduri ta' annullament.

**(C) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat l-Avukat Generali hija li ma huwiex il-legittimu kontradittur u din il-Qorti thoss li abbazi ta' l-**artikolu 181 B (1) tal-Kap 16** din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha u l-istess intimat l-Avukat Generali qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghhom l-kjamat fil-kawza, u t-tieni eccezzjoni ta' l-intimat eccepew li r-rikorrenti ma ezawrewx il-mezzi ordinarji ta' rimedju qabel ma' pprezentaw ir-rikors kostituzzjonali odjern u ghalhekk huwa opportun li din il-Qorti tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha *ai termini* tal-**artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghalhekk hawnhekk ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Melita Cable p.l.c. v. L-Avukat Generali et"** (Q.K. – 16 ta' Jannar 2006 - App Civ Nru:27/03 –) fejn intqal is-segwenti :-

*"Il-gurisprudenza f'dan ir-rigward giet riassunta b'mod konciz u korrett mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-30 ta' Gunju 2004 fil-kawza fl-ismijiet Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs – kawza li qed tigi kkonfermata minn din il-Qorti b'sentenza moghtija llum stess. F'dik is-sentenza il-Prim Awla qalet hekk:*

*‘Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser:ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta’ ksur lamentat (Kost. 5/4/1991, Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et Kollez Vol:LXXV.i.106). M’hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci (P.A.Kost 9/3/96, Clifton Borg v. Kummissarju tal-Pulizija [mhix pubblikata]);*

Illi madankollu, l-ezistenza ta’ rimedju iehor trid titqies fiz-zmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiz-zmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali (Q.K**. “Paul McKay v. Kummissarju tal-Pulizija et”** – 9 ta’ Jannar 2001). M’huwiex moghti lil persuna l-beneficcju li l-ewwel thalli jghaddi ghalxejn iz-zmien li fih setghet tiehu r-rimedju ghall-ksur tal-jedd taghha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bhalli kieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wiehed jista’ jirrikorri ghalih biex isewwi zball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel. (Q.K. **“Spiteri v. Chairman Awtorita’ tal-Ippjanar et”** – 25 ta’ Gunju 1999 Kollez. Vol.LXXXIII.i.201) ;

Illi fil-fatt f’ghadd ta’ sentenzi moghtijin f’dawn l-ahhar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, gew stabbiliti principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jew huwiex minnu li rrikorrent kellu ghad-disposizzjoni tieghu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-principji wiehed isib li (a) meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal tali mezzi qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuza l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma’ kawza

ta’ natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta’ illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha; (c) m’hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu;

Illi (d) fil-fatt in-nuqqas wahdu ta’ tehid ta’ mezzi ordinarji mir-rikorrent m’huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta’ xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma’ l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu; (e) in-nuqqas ta’ tehid ta’ rimedju ordinarju – ukoll jekk seta’ kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minhabba l-imgiba ta’ haddiehor m’ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma’ l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent (P.A. (K) (VDG) **“Victor Bonavia vs. L-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar et”** - 9 ta’ Frar 2000,); (f) l-ezercizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni (Q.K. **“Vella vs. Bannister et”** – 7 ta’ Marzu 1994 - Kollez Vol. LXXXVIII.i.48) u (Q.K. **“Visual & Sound Communications Ltd v. Il-Kummissarju tal-Pulizija”** – 12 ta’ Dicembru 2002); u (g) meta r-rimedju jaqa’ fil-kompetenza ta’ organu iehor jew meta s-smiegh tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smiegh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta’ xulxin, il-Qorti Kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza’ s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali (P.A. (K) **“Maria Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija”** – 29 ta’ Marzu 1993).

Illi d-diskrezzzjoni li l-Qorti taghzel li tiehu jekk twettaqx jew le s-setghat taghha kostituzzjonali biex tisma’ kawza ghandha tigi ezercitata bi prudenza, b’mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta’ drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqqleb lejn it-twettiq ta’ dawk is-setghat (Q.K**. “David Axiaq v. Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubbliku”** – 15 ta’ April 2004). Irid dejjem jitqies

li din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tohloq bilanc biex, mill-banda l-wahda, twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali, u mill-banda l-ohra zzomm milli jigi mahluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali (Q.K. **"Mediterranean Film Studios Limited v. Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et"** – 31 ta' Ottubru 2003).

Illi fis-sentenza **"Stephen Falzon vs Registratur tal-Qrati et"** (P.A. (K) (FS) 14 ta' Frar 2002 - Cit. Nru 21/01/FS) il-Qorti rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe"** (Qorti Kostituzzjonali- 7 ta' Marzu 1994) li wara li ezaminat numru ta' sentenzi stabbiliet u riaffermat dawn il-principji li gew applikati fis-sentenzi kostituzzjonali fuq citati, tant li gie affermat li:-

*"Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji gurisprudenzjali:*

*(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.*

*(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-esercizzju ta' diskrezzjonalita' ta' l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

*(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.*

*(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent.*

*(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.*

*(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Lawrence Cuschieri vs L-Onor Prim Ministru"** deciza fis-6 ta' April, 1995, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:-

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim'Awla ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta' dak l-artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra'. Hu veru wkoll illi din il-fakolta' hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kapriccuz jew legger. Hu ovvju illi ma hux indikat – jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor – illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."*

Illi dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta' Lulju, 1995 fl-ismijiet **"Paul Mckay vs**

**Kummissarju tal-Pulizija"** u deciza fil-21 ta' April, 1995 fl-ismijiet **"Anton Scicluna proprio et nomine vs Prim Ministru."** Illi *inoltre'* f'din is-sentenza inghad dan bil-mod segwenti:-

*"Dan il-proviso ghalhekk mhux xi wiehed li jista' jittiehed b'mod laxk jew kapriccuz. Mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta'; izda min-naha l-ohra l-Qorti ghandha l-obbligu li f'certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita' s-setghat taghha f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra. Altrimenti tkun qeghda tagixxi ta' Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi. Jekk kien hemm mezzi xierqa ohra l-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha that l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, il-Qorti m'ghandhiex tikkonsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent. Ghalhekk ma hux indikat – jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor- illi l-ewwel Qorti tezercita s-seghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. 'Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."*

Illi imbaghad fir-rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Raymond Farrugia vs Kummissarju tal-Pulizija"** (P.A. (K) (VDG)

Rikors Nru 5/2001 VDG) deciz fit-12 ta’ Novembru 2001, il-Qorti qalet hekk:-

*“Kif gie mfisser diversi drabi minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali (***Anthony Debattista vs Sammy Meilaq noe,*** P.A. 6/4/1995) il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 u d-disposizzjoni analoga tal-Kostituzzjoni huma ntizi sabiex jigi assigurat li ma jsirux kawzi kostituzzjonali jew taht l-Artikolu 4 tal-Kap.319 bla bzonn, cioe’ meta dak li jkun seta’ konvenjentement jadixxi l-qrati bi procedura ordinarja, filwaqt li jigi assigurat li c-cittadin ma jigix ipprivat mir-rimedji li huwa ghandu dritt ghalihom, jekk ikun il-kaz, kemm taht il-Kostituzzjoni kif ukoll taht il-Kap.319. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-5 ta’ Dicembru, 1986 fil-kawza fl-ismijiet* ***Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et.*** *(deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta’ April,1991):- ‘Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita’ ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess ta’ l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex mill-banda l-wahda tkun tista’ twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista’ timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta’ min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b’hekk biss il-Qorti tkun tista’ tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.”*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **“Tat-Taljan Co. Ltd. Vs Awtorita’ tal-Ippjanar et”** (Q.K. 2 ta’ Novembru 2001) *“ghaliex rriteniet li ma kienux ezawriti r-rimedji ordinarji, dan b’mod specjali fejn ikunu gew intavolati proceduri, disponibbli lir-rikorrenti quddiem xi Qorti ohra”.* Fil-fatt fl-istess sentenza saret riferenza ghas-segwenti kazistika u cioe’ **“McKay vs Pulizija u Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** deciza mill-Prim’Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta’ Lulju 1995; **“Domenico Savio Spiteri vs L-Awtorita’ ta’ L-Ippjanar”** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta’ Gunju 1999; **“Edward Zahra vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”**

deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta’ Mejju 1999; **“Paul Camilleri vs Awtorita’ tal-Ippjanar”** deciza mill-Prim’Awla(Sede Kostituzzjonali) fl-4 ta’ Dicembru 1998; **“Teddy Rapa vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta’ Mejju 2000; ma dawn wiehed jista’ jzid diversi ohra fosthom **“Riccardo Zammit vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** deciza mill-Prim’Awla (Sede Kostituzzjonali) fid-19 ta’ Mejju 2000; **“Maria Debono vs Kummissarju tal-Pulizija”** (P.A. (K) (GV) 29 ta’ Mejju 2002; **“Francis X. Aquilina vs Avukat Generali** (P.A. (RCP) 30 ta’ Mejju 2002, fejn giet ikkwotata s-sentenza **“Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister nomine”** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta Marzu 1994 u l-principji hemm enuncjati li gew ukoll hawn riportati.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami mill-atti processwali rrizulta li r-rikorrenti Mary Green kienet izzewget f’Malta fid-19 ta’ Gunju 1978 lil certu Anthony Bonnici. Wara xi zmien hija telqet minn Malta u fis-7 ta’ Awissu 1980 hija zzewget lil Ajad Farhat il-Libya. L-istess indikata rikorrenti pprezentat Dok. “MG 3” (a fol.32 tal-process) li huwa l-proklama li hija saret tipprofessa r-religjon Islamika. Kif appena ghamlet hekk u proprju ghaliex ghamlet dan, hija, skond il-ligi tal-Libja, otteniet certifikat fejn gie dikjarat li z-zwieg taghha ma’ Bonnici *“is not valid and cancelled after her Islam declaration”.* Konsegwentement, hija zzewget lil Ayad Farhat fis-7 ta’ Awissu 1980.

Illi hija ghexet mieghu l-Libja ghal ghoxrin (20) sena u kienet tigi Malta biex tara lill-familjari taghha. Sadanittant hija qatt ma nfurmat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b’dak kollu li kien gara. Lanqas meta fin-1994 marret ir-Registru Pubbliku sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha. Wara dawk is-snin kollha l-Libya hija kellha tigi lura Malta minhabba li kellha missierha marid. Infatti huwa miet fis-sena 2001 u hija baqghet tghix Malta biex tiehu hsieb lil ommha bl-intenzjoni li tibqa’ Malta.

Illi fl-14 ta’ Novembru 2000 Maria Green marret fir-Registru taz-Zwigijiet biex tirregistra z-zwieg li sar fil-Libya l-fuq minn ghoxrin sena qabel fis-7 ta’ Awissu 1980. Minn

dakinhar ghaddiet hafna korrispondenza bejn ufficjali tar-Registru u l-avukat difensur tar-rikorrenti. Ir-Registru Pubbliku rrifjuta li jirregistra dan iz-zwieg minhabba li ma kien hemm l-ebda tip ta' annotazzjoni fuq l-Att taz-Zwieg li sar bejnha u bejn Bonnici li tispecifika li z-zwieg gie xolt jew intemm permezz ta' annullament jew divorzju minn Qorti kompetenti *ai termini* ta' l-**artikolu 33 tal-Kap.255;** kif ukoll lanqas ma giet ipprezentata fir-Registru Pubbliku l-prova tad-domicilju tar-rikorrenti Mary Green fil-Libja. Ir-rikorrenti baghtet diversi certifikati lir-Registru Pubbliku izda dawn xorta ma ssodisfawhomx. B'hekk fil-25 ta' Ottubru 2002 intbaghtet ittra mill-ufficcju ta' l-Avukat Generali lill-avukat difensur ta' l-attrici fejn infurmawha li hija kellha ggib decizjoni ta' Qorti Maltija li tordna l-*exequatur* tal-Qorti tal-Prim'Istanza tan-Nofsinhar ta' Tripoli.

Illi min-naha taghha r-rikorrenti la marret quddiem il-Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Notarili u wisq anqas ma fethet kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex taghmel it-talba kif indikata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku. Dan meta l-Awtoritajiet koncernati tawha indikazzjoni cara ghalfejn kienu qed jirrifjutaw li jirregistraw iz-zwieg li sar fil-Libja. Izda hija qabdet u fethet il-proceduri odjerni meta kellha triq ghall-procedura ordinarja u ghalhekk rimedju u rikors car ta' x'kien hemm bzonn li jsir sabiex ikun hemm decizjoni dwar il-kwistjoni. B'hekk l-eccezzjoni tal-intimat u tal-kjamata fil-kawza li r-rikorrenti m'ezawrewx ir-rimedji ordinarji ghandha tintlaqa' u din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha u dan ghaliex ma kien hemm xejn x'izomm lir-rikorrenti jew wahda minnhom sabiex jipprocedu b'azzjoni semplici kontra l-Awtoritajiet koncernati, haga li ghal xi raguni l-istess rikorrenti baqghu jirrezistu li jaghmlu.

Illi dan qed jinghad wkoll *in vista* tad-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 18 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi li ghal dawk li huma kapacitjiet taz-zwieg, kull wahda mill-persuni li jkunu ser jizzewgu tkun kapaci li tizzewweg skond il-ligi tal-pajjiz tad-domicilju rispettiv taghha.

Illi f'dan il-kaz ma hemm ebda prova li d-domicilju tar-rikorrenti Mary Green fid-data tas-7 ta' Awissu 1980 kien il-Libja u dan iktar u iktar meta qabel kienet mizzewga lil Anthony Bonnici fid-19 ta' Gunju 1978 u kien biss fl-istess sena tal-1980 li hija marret tghix barra minn Malta; certament li prova tad-domicilju ma jistax jinghad li l-istess rikorrenti gabet jew kellha, u dan huwa iktar ta' importanza meta l-kapacita' taghha li tizzewweg hija determinata bil-ligi tad-domicilju taghha, u f'dan il-kaz dan huwa iktar relevanti meta *si tratta* wkoll ta' thassir b'divorzju jew b'annullament taz-zwieg li l-istess rikorrenti kellha f'Malta.

Illi f'dan is-sens huwa wkoll relevanti l-**artikolu 33 tal-Kap 255** li jirrikjedi li decizjoni ta' qorti barranija dwar l-istat ta' persuna mizzewga jew li tolqot dak l-istat, ghandha tkun rikonixxuta ghal-finijiet ta' ligi f'Malta, jekk id-decizjoni tinghata minn Qorti kompetenti tal-pajjiz li fih wiehed mill-partijiet fil-procedimenti jkun domiciljat jew li tieghu xi wahda mill-partijiet tkun cittadin.

Illi ghal dak li jirreferi ghar-rikorrenti Mary Green certament li dan jiddependi fuq il-prova tad-domicilju taghha, prova li baqghet ma saritx u allura ma jistax jinghad li xi dokument sottomess minn Qorti Libjana jikkwalifika ghall-iskop ta' dan l-artikolu; kwantu ghal Anthony Bonnici, certament li dan kien cittadin u domiciljat hawn Malta u ghalhekk jidher li hemm diffikolta' sabiex jigi rikonnoxxut dan it-thassir taz-zwieg tar-rikorrenti mill-Awtorijiet Maltin u dan proprju minhabba dak li hemm kontenut kemm fl-**artikolu 18 u l-artikolu 33,** fejn dan ta' l-ahhar jirreferixxi wkoll ghall-Qorti Maltija.

Illi fi kwalunkwe kaz ma kien hemm xejn x'izomm lir-rikorrenti sabiex iggib 'il quddiem il-pretensjonijiet taghha quddiem il-Qorti fil-kompetenza taghha ordinarja u dan anke fejn qed tallega li d-dokument "MG 1" mahrug fit-30 ta' Jannar 2001, fejn jinghad li r-rikorrenti assumiet ir-religjon Islamika qabel ma' zzewget lir-rikorrenti l-iehor, awtomatikament ihassar iz-zwieg li kellha mar-ragel Malti ta' religjon kattolika, haga li ma taqbilx u ma taghmilx parti mill-ligi Maltija, anzi jista' jinghad li hija pjuttost kuntrarja ghall-istess.

Illi b'hekk skond il-ligi Maltija u kif kien hemm registrat fir-Registru taz-Zwigijiet, ir-rikorrenti Mary Green tidher li ghadha mizzewga lil certu Anthony Bonnici, li lanqas jidher li kien parti fil-proceduri li l-istess rikorrenti qed tirreferi ghalihom li saru l-Libja sabiex tiehu dak li hija sejhet bhala *"annullament tieghi jew divorzju"..* Anzi jidher li l-istess persuna lanqas qatt ma kienet notifikata b'dawn l-allegati proceduri u wisq inqas kien parti minnhom jew b'xi mod informat bihom; dan huwa sinifikanti meta skond l-**artikolu 24 tal-Kap 255** decizjoni dwar zwieg kattoliku mit-Tribunal hemm indikat lanqas hija awtomatikament registrabbli izda trid tigi ezaminata taht id-disposizzjoni tal-**artikolu 24 (5) tal-Kap 255.** Fil-fatt jekk ma tissodisfax certi kriterji din lanqas tigi registrata kif fil-fatt gara fil-kaz fl-ismijiet **"P.C. vs l-Avukat Tonio Azzopardi"** quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Novembru 2004.

Illi bla pregudizzju ghall-premess, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss wiehed ma jikkonsidrax id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 (2) tal-Kap 319, dan hawn deciz huwa bizzejjed sabiex jinghad li certament ma hemm ebda ksur ta' l-**artikolu 14 ta' l-Iskeda tal-Konvenzjoni Ewropea** li jghid :-

*"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assugurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni pubblika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew status iehor".*

Illi kif gie ritenut mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Abdulaziz, Cabales and Balkandali** (28 ta' Mejju 1985):-

*"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the 'enjoyment of the rights and freedoms' safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14*

*does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter.” (Vide* ukoll, **“Gaygusuz v Austria”** deciza mill-Qorti Ewropea fis-16 ta’ Settembru, 1996).

Illi fil-**“Belgian Linguistic Case”** (E.H.R.R. 241; Feb, 1967) il-Qorti Ewropea stabbilit il-kriterji jekk differenza fi trattament tmurx kontra l-**artikolu 14,** u pprovdiet illi:-

*“…the principle of equality of treatment is violated if the distinction has no objective and reasonable justification. The existence of such a justification must be assessed in relation to the aim and effect of the measure under consideration, regard being had to the principles which normally prevail in democratic societies. A difference of treatment in the exercise of a right laid down in the Convention must not only pursue a legitimate aim: Article 14 is likewise violated when it is clearly established that there is no reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised.”*

Illi fuq l-istess aspett fil-kaz **“Wessels-Bergervoet v The Netherlands”** (deciza mill-Qorti Ewropea fl-4 ta’ Settembru, 2002) fejn inghad:-

*“The Court reiterates that the right under Article 14 not to be discriminated against in the employment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analogous situations without providing an objective and reasonable justification.”*

Illi jinghad li fid-dawl ta’ dan kollu l-ilment tar-rikorrenti Mary Green fuq dan il-bazi huwa wkoll wiehed infondat. Hija allegat li kien hemm diskriminazzjoni izda l-ebda prova ma ngabet sabiex l-istess rikorrenti tissostanzja l-allegazzjoni taghha u dan abbazi ta’ dak stipulat fl-imsemmi artikolu u dan ghaliex jrid jigi ppruvat li kien hemm diskriminazzjoni fuq wahda mill-bazijiet inidikati fl-istess artikolu, u dan huwa ghal kollox mankanti minn dak

provdut mir-rikorrenti. Anzi din il-Qorti thoss li dak li hemm fl-ahhar paragrafu tat-tieni pagna tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti jikkonferma dak li hawn qed jinghad, u dak li intqal iktar il-fuq kemm dwar il-Ligi taz-Zwieg u kemm dwar il-Ligi applikabbli ghar-rikorrenti Mary Green, u l-Qorti kompetenti skond id-domicilju taghha.

Illi fuq kollox kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Anne Miller pro et noe et vs L-Avukat Generali et"** (P.A. (LFS) - Rik. Nru: 19/02/LFS – 25 ta' Jannar 2006) fejn giet citata d-decizjoni fl-ismijiet **"Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta et"** moghtija mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji fit-22 ta' Novembru 2001 u fejn gie riaffermat li:-

*"Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti….Ara wkoll "Law of the European Convention on Human Rights" – Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "Law and Practice of the European Convention on Human Rights" – Gomien Harris, and Zwack pag 345 et. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136."*

Illi din il-Qorti thoss li r-rikorrenti kienet mankanti taht dan l-aspett u din il-Qorti lanqas tikkondividi dak sottomess fin-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti inkluz l-paragrafu 4, 5, u 6 ta' l-istess inkwantu l-istess ma huwiex konsistenti lanqas mal-Ligi Maltija.

Illi apparti dan hawn din il-Qorti thoss li l-argumenti migjuba mill-intimati dwar li d-dikjarazzjoni tal-31 ta' Jannar 2001, fejn issottomettew li l-istess ma hijiex konformi ma' l-imsemmi **artikolu 33 tal-Kap 255** peress li l-istess Anthony Bonnici qatt ma kien involut, Aied

Mohamed Mansur' li allegatament talab l-allegat divorzju huwa parti estranea fiz-zwieg bejn ir-rikorrenti Maria Green u l-imsemmi Anthony Bonnici, u r-raguni ta' bdil ta' religjon ma twassalx ghall-annullament taz-zwieg taghha skond il-ligi Maltija, wkoll huma validissimi, pero' dawn ghandhom jigu fuq kollox ezaminati fil-Qorti kompetenti.

Illi bla pregudizzju ghal dak gja affermat fir-rigward tal-proviso ta' l-**artikolu 4 (2) tal-Kap 319,** li qed jigi hawn affermat jinghad li l-**artikolu 8 ta' l-Iskeda tal-Kap 319 jipprovdi li:-**

*"(1) Kulhadd ghandu dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu".*

*"(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita' pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika jew gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor".*

Illi hawn jinghad li meta wiehed jikkonsidra li d-dritt ta' zwieg huwa taht l-**artikolu 12** mhollija skond il-ligijiet nazzjonali li jirregolaw l-ezercizzju ta' dan id-dritt jfisser li l-istitut taz-zwieg huwa haga li tigi regolata mill-istat innifsu, fejn l-istess jista' jistabbilixxi regoli ghall-kapacita` taz-zwieg, inkluzi diversi kriterji fosthom eta', sess, forma, u sabiex jiddetermina kwistjonijiet dwar *"conflicts of law such as the question of whether an individual is already married …. Furthermore, the state is not under a duty to allow marriages in a particular form (such as polygamous unions or particular religious ceremonies)………The state's freedom to determine the legal framework of marriage will be restricted where the standards applied are arbitrary or where they completely empty the right of its content"* (para 13.77/78 – **The Law Under the European Convention**).

Illi dan huwa kaz fejn l-istess intimat u l-kjamat fil-kawza qed jinsistu li tigi rispettata l-Ligi Maltija applikabbli ghall-istess anke ghaliex f'materja ta' zwieg u l-allegata thassir ta' l-istess qed nitkellmu fuq principjita' *"public policy"* specjalment fejn dan jinvolvi l-annullament jew it-thassir taz-zwieg u mela allura jidher car li f'dan il-kaz ma jistax jinghad li kien hemm ksur ta' l-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja,** u dan apparti l-fatt li jidher li l-istess rikorrenti naqset li tagixxi bil-procedura stabbilita quddiem il-Qorti kompetenti, anke jekk biex issostni dak li qed tallega hawnhekk, pero' f'kuntest civili. Hawn necessarjament issir riferenza ghall-*proviso* ta' l-**artikolu 4 tal-Kap 319.**

Illi dan l-element ta' *public policy* huwa msemmi wkoll fl-**artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill Numru 2201/2003** li jikkoncerna r-rikonnoxximent u l-inforzar ta' decizjonijiet dwar materja *inter alia* ta' zwieg fejn pajjiz membru jista' ma jinforzax decizjoni ta' pajjiz iehor jekk tali decizjoni tmur kontra *public policy* tal-pajjiz fejn qed tintalab li tigi rikonoxxuta u jekk dik id-decizjoni tinghata minghajr il-presenza tal-parti l-ohra, jekk il-parti l-ohra ma tkunx notifikata bid-dokument ta' l-intavolar tal-proceduri jew b'dokument ekwivalenti f'hin ragonevoli bizzejjed sabiex dik il-parti tkun tista' tiddefendi ruhha adekwatament. Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti anke hawn hija bla bazi.

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat u tillbera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku, u ghalhekk **tichad it-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors taghhom datat l-1 ta' Gunju 2004** *stante* li r-rikorrenti m'ezawrewx ir-rimedji ordinarji *ai termini* tal-***proviso*** **tal-artikolu 4 (2) tal-Kap. 319** kollox kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------